**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 79** **29 ta' April, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fid-29 ta' April fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **79.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġija** |
| 79.1.1 | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.<br>Il-laqgħa bdiet fl-16:30, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Zerafa wasal fil-17:09. |
| | |
| **79.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 79.2.1 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ppropona u l-viċi sindku Desira ssekondat il-minuti tal-laqgħa No 78. |
| | |
| **79.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 79.3.1 | Is-Sindku Steven Grech informa lill-Kunsillier preżenti dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fl-4 ta’ April, ma’ Visit Malta rigward il-Fireworks Festival. Suppost se jkun hemm diskussjoni mal-President tal-Futbol dwar kif se jkun mqassam eżatt minħabba li se jsir fil-grawnd tal-Futbol. |
| 79.3.2 | Fit-23 ta’ April is-Sindku kellu laqgħa mar-Rettur tal-Università rigward il-binja tal-kunsill, fejn hu ressaq ix-xewqa tiegħu biex parti mil-Universita’ ta’ Triq il-Port Ruman li ma għadiex tintuża, tingħata lill-Kunsill. Ir-Rettur xtaq li jgħin pero’ hemm pjan għal x’ħaġa oħra hemm. Is-Sindku qal li kellu telefonata mill-OPM u nfurmawh li ħa jgħinu u ser jaraw x’jista’ jsir. Għandu javża aktar tard. |
| 79.3.3 | Fid-29 ta’ April kellu konferenza flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv rigward l-MOU mal-Public Works. |
| | |
| **79.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 79.4.1 | Il-Viċi Sindku qalet li għal-lezzjoni tal-Fitness meta jkunu inqas minn 6 persuni mhux qed issir il-lezzjoni. Staqsiet biex naraw għala qiegħed jiġri hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li irrelevanti kemm ikunu suppost il-lezzjoni għandha ssir. |
| 79.4.2 | Elenia staqsiet ukoll dwar marki tal-parkeġġ u s-sinjali fi Triq Għajn Osiris u Triq il-Port Ruman. Is-Sindku wieġeb li ma tantx hemm spazju fejn isiru marki ta’ parkeġġ fi Triq Għajn Osiris, u meta ġieli prova kien hemm min ilmenta, iżda ser jara x’jista’ jsir. |
| 79.4.3 | Elenia ġibdet l-attenzjoni wkoll li s-siġar tal-Port Ruman qegħdin jaqilgħu l-bankina. Is-Sindku wieġeb li huma kienu diġà tkellmu fuqha u ħa jara jistgħux jitranġaw il-bankini. |

<table>
<tr><td>79.4.4</td><td>Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar il-linji ta’ fejn l-iskalien u l-kaxxa għas-sajjieda. Is-Sindku qallu li fejn l-iskalien ħa jsir waħda fuq kull naħa – għal parkeġġ riservat 24 siegħa.<br><br>Ittieħed vot dwar dan u kien hemm qbil unanimu.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>79.4.5</td><td>Elenia ssuġġeriet li jsiru linji sofor fi Triq il-Kajjikk, għal dawk li jridu joħorġu mill-garaxx. Is-Sindku wieġeb li jrid jara x’jista’ jsir eżatt fuq il-post.</td></tr>
<tr><td>79.4.6</td><td>Elenia ressqet ilment tar-residenti fejn dawn urew ix-xewqa li Triq il-Kajjik fil-biċċa ta’ isfel fejn hemm l-ironmongery issir tabella biex ma jipparkjawx fuq il-bankina.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ħa ssir tabella, pero’ għalkemm m’hemmx tabella xorta jistgħu jiġu mħarkka mil-uffiċjali.</td></tr>
<tr><td>79.4.7</td><td>Tintbagħat ittra lil tal-Monti tal-Ħadd li jridu jżarmaw fit-3:00pm</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>79.5</td><td>Approvazzjoni tal-MOU Cleansing</td></tr>
<tr><td>79.5.1<br><br><br>79.5.2</td><td>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal approvazzjoni tal-Kunsill l-MOU il-ġdid tal-cleansing. Kopja ta’ dan kienet mibgħuta qabel il-laqgħa.<br><br>Ġie approvat b’mod unanimu.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>79.6</td><td>Skrappjar tal-Vann Nissan</td></tr>
<tr><td>79.6.1</td><td>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li l-Vann Nissan ġie skrappjat minħabba li kellu ħafna ħsarat u ma’ kienx jaqbel li jiġi rranġat. Dan se jintuża biex napplikaw għal l-skema’ ta’ l-skrapp biex nixtru l-Vann ta’ l-elettriku minfloku.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>79.7</td><td>Regolarizzazzjoni tal-‘Gazebos’</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 79.7.1 | Wara diskussjoni il-Kunsill lokali ġie fi qbil li mal-moll ta' Triq il-Power Station sa fejn il-breakwater ma jkun hemm l-ebda tip ta' gazebo. Il-bqija ġie maqbul li minħabba li f'Marsaxlokk hawn bylaw li tirregolarizza tqegħid ta strutturi |
| | |
| **79.8** | **Allokazzjoni ta' flus għall-Cat feeders** |
| 79.8.1 | Ser nistennew għax għandha toħroġ skema. |
| | |
| **79.9** | **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv** |
| 79.9.1<br><br><br><br>79.9.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li hemm bżonn toħroġ sejħa għal Deputat Segretarju Eżekuttiv minħabba li kull Kunsill hu obligat li jkollu Deputat u bħalissa l-Kunsill ta' Marsaxlokk ma għandu lil ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv Karen Scicluna talbet għal approvazzjoni tal-Kunsilliera.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| | |
| **79.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-talbiet u lmenti** |
| 79.10.1<br><br><br><br>79.10.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li rċivew ittra mingħand Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa u Marsaxlokk Heritage NGO rigward applikazzjoni PC/00022/23 għal żviluppar ta' appartamenti fis-sit li kienet tintuża mil-Enemalta li hemm il-Qajjenza.<br><br>Il-Kunsilliera qablu unanimament li fejn qegħdin jirreferu għalih jiġi fiż-żona tal-Qajjenza, għaldaqstant il-kunsill ta' Marsaxlokk ma jistax jitkellem f'isem lokal ieħor. |
| | |
| **79.11**<br><br>79.11.1<br><br><br><br>79.11.2 | **Trasferiment tas-*substation* ta' Triq il-Wilġa**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill talba mill-Enemalta plc biex il-kirja tal-art ta' fejn hemm is-substation ta' Triq il-Wilġa iddur minn fuq il-Kunsill lokali għal fuq l-Enemalta plc.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| | |

| | |
|---|---|
| **79.12** | **Planning Authority** |
| 79.12.1 | Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni li kellha bżonn il-kunsiderazzjoni mill-Kunsill. |
| | |
| **79.13** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| 79.13.1 | Proponent il-Kunsillier Stephen Caruana u l-Viċi Sindku Elenia Desira ssekondat. L-iskeda tal-pagamenti b'hekk ġiet approvata. |
| | |
| **79.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 79.14.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 79 ġiet fit-tmiem fil-17:20, wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss, li se tkun nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 28 ta' Mejju, 2024.

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

_________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***